**SETTEMBRU 2007** **NUMRU 224**

### Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Is-Sajf qed jaħseb biex jgħaddi . . . . nittama li kellna xi ftit tal-mistrieħ, jew għall inqas biddilna xi ftit tar-rutina li tagħmel tajjeb ħafna.

Wasal iż-żmien biex il-presidenti jibdew jippreparaw għall-laqgħat. Jieħdu ħsieb li jġeddu l-abbonamenti fil-'Ħuġġieġa', li nittamaw tkun f'idejna mill-ewwel laqgħa ta' Ottubru, u nibdew inħeġġu l-membri għall-Assemblea Ġenerali li din is-sena se ssir għand is-Sorijiet Agostinjani ta' l-Iskola ta' Sta Monica, Fleur-de-Lys. Il-Mistieden speċjali tagħna se jkun l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pawlu Cremona O.P. Arċisqof ta' Malta.

Matul din is-sena se nippruvaw nisħqu fuq l-importanza tat-talb kif tgħallimna Santa Tereża ta' Ġesu. Fil-'Ħuġġieġa' il-kelma ta' l-Assistent fl-erba' ħarġiet se tkun fuq is-seba' għamajjar tal-Kastell Interjuri. Mhux se tkun laqgħa ħafifa . . imma fl-Information Sheet, se jkun hemm dejjem spjegazzjoni tagħhom.

Il-membri għandhom id-dritt li jkollhom aċċess għall-Information Sheet. Għandha titwaħħal f'*notice board* fejn isiru l-laqgħat. Mhux ħaġa ġusta tinżamm magħluqa fil-basket ta' min jirċeviha . . . Dawk kollha li għandhom *email*, jistgħu jagħtuna l-indirizz u jibdew jirċevuha d-dar bla ħlas. . ..

Ktibt fil-qosor apposta . . . l-importanti meta niltaqgħu nkunu ppreparati.
Il-Mulej iberikkom.
**P.Damian Cachia O.Carm, Ass. Ekkl. Ġenerali**

## ASSEMBLEA ĠENERALI 2007

Ippreseduta mill-Eċċellenżza Tiegħu
**L-Arċisqof Pawl Cremona O.P.**

Data: Il-Ħadd, 14 ta' Ottubru 2007
Ħin: Mid-9.a.m. sa nofs inhar
fis-Sala ta' l-Iskola ta' Santa Monika
4, Triq l-Ewwel ta' Mejju, Fleur de-Lys, B'Kara.
(Bus No 71, stage wara l-Knisja tal-Karmnu).

- Il-Membri huma mitluba li jkunu fis-Sala fid-8.45 a.m. biex nibdew fil-ħin.
- Wara l-Assemblea kulħadd Mistieden għall-Festa Familja.

## MADWARNA

**Assemblea Ġenerali Speċjali**
**U għaliex speċjali?** Speċjali għaliex għall-ewwel darba sejrin nilqgħu fostna lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof. Speċjali għaliex immedjatament wara l-Assemblea kulħadd mistieden għal 'FESTA FAMILJA'.

**U din il-'FESTA FAMILJA' xi tkun?** Ikla ppreparata mill-membri nisa u żgħażagħ bi prezz baxx biex kulħadd ikun jista' jipparteċipa. Se jkun hemm timpana, tiġieġ, bigilla, meat balls biz-zalza, zalzett malti, tiġieġ, salad ħobż, frott, deżerta . . . il-lista qegħda dejjem tiżdied. U għalfejn dan? Biex naħdmu aktar flimkien, biex insaħħu l-komunjoni bejnietna, biex inħossuna aktar familja

waħda, biex niċċelebraw flimkien, u nagħtu ringrazzjament lill-Alla tal-grazzi kbar li ta lill-Azzjoni Kattolika matul is-sena li għaddiet.
Nixtiequ naraw lil kulħadd, bin-nisa u l-irġiel u ż-żgħażagħ tagħkom.
**PRESIDENTI - ĦEĠĠU LILL-MEMBRI TAGĦKOM KOLLHA BIEX JATTENDU.**

**Adorazzjoni fid-Dar Familja Mqaddsa**
Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru, Monsinjur Arċisqof se jżur Dar Familja Mqaddsa għall-ewwel darba u hekk se nissodisfaw ix-xewqa ta' l-anzjani tagħna biex jiltaqgħu miegħu. Din iż-żjara se sseħħ ftit jiem qabel il-ftuħ uffiċċjali ta' l-estensjoni tad-Dar. Matul din iż-żjara l-Arċisqof Pawl Cremona se jinawgura l-adorazzjoni tul il-ġurnata fil-kappella tad-Dar, biex b'hekk l-anzjani, kull min jaħdem, il-voluntieri u l-qraba ta' l-anzjani jkunu jistgħu jgħaddu ftit ħin fil-preżenza ta' Ġesù. **Xi grazzja kbira se jkollna !** Nistiednu ċ-Ċirkoli jagħmlu l-irtir tagħhom fid-Dar.

**Il-Ftuħ Uffiċċjali ta' l-Estensjoni tad-Dar Familja Mqaddsa**
Il-Ħadd 30 ta' Settembru fis-6.00 p.m. se ssir l-inawgurazzjoni uffiċċjali ta' l-estensjoni tad-Dar. F'Marzu d-Dar bdiet tilqa' r-residenti ġodda bil-mod il-mod u sa' l-aħħar ta' April kienet mimlija. Naturalment bħal kull dar baqa' ħafna x'isir biex inkomplu insebbħuha. Nixtiequ kieku nistiednu lil kulħadd biex jiċċelebra magħna; sfortunatament il-post ma jippermettiex imma l-Presidenti se jiġu mistiedna żgur. Żommu d-data libera.

**IŻ-ŻAK**
Dawn taż-ŻAK kellhom sajf ta' taħbit. Malta u Għawdex tgħidx kemm raw żgħażagħ barranin. Dan l-aħħar waqt li kellhom grupp ta' żgħażagħ mis-Slovakkja ltaqgħu ma' l-Isqof ta' Għawdex f'Ta' Pinu, u ġġeddu l-memorji sbieħ ta' l-aħħar Assemblea. Ix-xogħol għalihom għadu ma spiċċax. Baqalhom Kamp Sajf għall-gruppi ta' etajiet differenti.
**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

# Stedina Għall-Assemblea Generali 2007

Nhar il-**Ħadd 14 ta' Ottubru 2007, mid-9.a.m. sa 11.45 a.m.**

Ippreseduta mill-Eċċellenza Tiegħu
**L-Arċisqof Pawl Cremona O.P.**

fis-Sala ta' l-Iskola ta' Santa Monika
4, Triq l-Ewwel ta' Mejju, Fleur de-Lys, B'Kara.
(Bus No 71, stage wara l-Knisja tal-Karmnu).

Il-Programm jinkludi:

Quddiesa ta' Radd il-Ħajr u Messaġġi
Kulħadd mitlub ikun f'postu fid-8.45 a.m.

Id-Direttorju Ġenerali Jistieden
Lill-Membri Kollha ta' l-Azzjoni Kattolika
Għal din iċ-Ċelebrazzjoni ta' Ferħ

Wara l-Assemblea kulħadd mistieden għal Festa Familja.
(Ara dettalji u Menu )

Tkun ħaġa sabiħa li l-membri taċ-ċirkoli jattendu bħala grupp għall-Assemblea u possibbilment għal Festa Familja

Joyce Pullicino
President Ġenerali

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

**Servizz bil-Minibuses**

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità. Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikulta' ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-booking tagħkom

Nixtiequ ninfurmawkom bir-rebbieħa tal-kontribuzzjoni tal-Lotterija, organizzata mis-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika, b'risq il-minibuses li jagħtu servizz kuljum lill-persuni anzjani u persuni b'diżabilit¿.

| | | |
|---|---|---|
| L-Ewwel Premju | Floor Fan | |
| | Biljett 011363 S.A.S Naxxar | |
| It-Tieni Premju | Stand Fan | |
| | Biljett 012020 Anzjani Qawra | |
| It-Tielet Premju: | B.B.Q | |
| | Biljett 09615 | Tlugħ 2 ta' Lulju 2007 |

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

**SOLIDARJETÀ** Dan il-Programm iddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità, u ppreżentat mill-Kummissjoni tagħna fuq Radju Malta qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-8.30 p.m. Id-dati għal Settembru huma :- 2, 9, 16 , 23, 30.

## GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN

Adorazzjoni għal vokazzjonijiet - Nhar il-Ħamis 6 ta' Settembru 2007. Tibda bil- Quddiesa mid-9.30 san-12.30 p.m. Il-Membri ta' l-Azzjoni Kattolika huma mistiedna li jattendu.

**L-Objettivi tal-Gruppi:**

Niffurmaw il-Koppji biex isaħħu l-familji tagħhom ħalli jkunu xhieda għal familji oħrajn.

- Laqgħat ta' kull ġimgħa jew ġimgħatejn li jinkludu studju tal-Kelma ta' Alla u tagħlim minn fuq 'Il-Ħuġġieġa' fejn nisħqu fuq it-talb u l-appostolat skond il-motto ta' din is-sena.
- Laqgħat u ħarġiet soċjali biex insaħħu l-għaqda u solidarjeta' bejn il-membri.
- Irtiri u laqgħat ta' talb flimkien ma' gruppi differenti.

## Programm Għas-Sena Soċjali 2007-2008

**Settembru 2007**

| | | |
|---|---|---|
| 13 ta' Settembru | Nisa | Kunsill Centrali fid-9.30 a.m. |
| 14 ta' Settembru | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |
| 17 ta' Settembru | Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-5.30 p.m. |
| 28 ta' Settembru | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |
| 30 ta' Settembru | Dar Familja Mqaddsa | Ftuħ uffiċċjali tal-wing il-ġdida tan-Naxxar 'Pope Paul II" |
| | Rġiel | Irtir fil-Knisja tal-Vitorja l-Belt. |

**Ottubru**

| | | |
|---|---|---|
| 4 ta' Ottubru | Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00p.m |
| 5 ta' Ottubru | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |
| 10 ta' Ottubru | Kumm. Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-6.00pm |
| | Għalliema | Kors ta' Spiritwalita |
| 11 ta' Ottubru | Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |
| 14 ta' Ottubru | Assemblea Ġenerali | Dettalji Aktar tard. |
| 15 ta' Ottubru | Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-5.30 p.m |
| 17 ta' Ottubru | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30 p.m. |
| 25 ta' Ottubru | Nisa | Assemblea Fergħa Nisa |
| 26 ta' Ottubru | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |
| 28 ta' Ottubru | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa Marjana |
| 31 ta' Ottubru | Nisa | Laqgħa Distrettwali No 1 għal dawn iċ-Ċirkoli:B'Buġia, Cospicua, Fgura, Gudja, Kirkop, Mqabba, Qrendi, Safi, Senglea,Tarxien,Vittoriosa, Żabbar, Żejtun, Żurrieq. |
| | S.A.S. | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00p.m. |

**Novembru**

| | | |
|---|---|---|
| 1 ta' Novembru | Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |
| 5 ta' Novembru | S.A.S. | Laqgħat ta' taħriġ |
| 7 ta' Novembru | Nisa | Laqgħa ta' talb għar-Romol |
| 8 ta' Novembru | Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |
| 9 ta' Novembru | Ċenaklu | Sala Monsinjur Dandria fis-6.00p.m. fl-Istitut Kattolku Floriana |
| 12 ta' Novembru | S.A.S. | Laqgħat ta' taħriġ |
| 14 ta' Novembru | Kumm. Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-6.00 p.m. |
| | Għalliema | Kors ta' Spiritwalita fil-5.30p.m |
| 15 ta' Novembru | Skola ta' l-Appostolat | Kumitati taċ-Ċirkoli kollha fid-9.30 a.m. |
| 19 ta' Novembru | Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-5.30 p.m. |
| 21 ta' Novembru | Nisa | Forum Day għaċ-Ċirkoli kollha |
| | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30 p.m. |
| 23 ta' Novembru | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |
| 28 ta' Novembru | S.A.S. | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 p.m. |
| 29 ta' Novembru | Nisa | Laqgħa formattiva |

**Diċembru**

| | | |
|---|---|---|
| 2 ta' Diċembru | Kumm Ħidma Morda | Laqgħa Marjana |
| | Irġiel | Rtir fil-Knisja tal-Vitorja l-Belt. |
| 6 ta' Diċembru | Skola ta' l-Appostolat | Kumitati taċ-Ċirkoli kollha fid-9.30 a.m |
| | Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |
| 7 ta' Diċembru | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 p.m. |
| 11 ta' Diċembru | Nisa | Ħarga soċjali għar-Romol |
| | S.A.S. | Laqgħa tal-Milied |
| 12 ta' Diċembru | Kumm. Ħidma Morda | Ikla flimkien għal membri |
| | Għalliema | Kors ta' Spiritwalita fil-5.30 p.m.. |
| 14 ta' Diċembru | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 p.m. |
| 15 ta' Diċembru | Dar Familja Naxxar | Ikla |
| 17 ta' Diċembru | Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-5.30 p.m. F'din il-data ssir ukoll laqgħa soċjali għal Presidenti u membri taċ-Ċirkoli f'Sala Dandria. |
| 19 ta' Diċembru | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30 p.m. |

**Jannar 2008**

| | | |
|---|---|---|
| 3 ta' Jannar | Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |
| 7 ta' Jannar | S.A.S. | Attività għal Anzjani |

| | | |
|---|---|---|
| 9 ta' Jannar | Kumm. Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-6.00 p.m. |
| | Għalliema | Kors fil-5.30 p.m |
| 10 ta' Jannar | Nisa | Kunsill Ċentrali |
| 11 ta' Jannar | Dirrettorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |
| 12 ta' Jannar | | Tesserament Ċentrali |
| 16 ta' Jannar | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30 p.m. |
| 17 ta' Jannar | Nisa/SAS | Laqgħa mas-S.A.S. Delegati SAS & Kumitati |
| 21 ta' Jannar | Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-5.30 pm |
| 22 ta' Jannar | Nisa | Laqgħa Distrettwali No. 2 għal dawn iċ-Ċirkoli:- Balzan, B'Kara, Fleur-De-Lys, Ħamrun Kunċizzjoni, Ħamrun San Gaetanu, Ħamrun Sokkors, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar, Rabat, Sta Venera, Valletta San Pawl. |
| 24 ta' Jannar | Nisa/S.A.S. | Laqgħa mas-S.A.S.Delegati SAS & Kumitati |
| 30 ta' Jannar | S.A.S. | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 p.m. |
| 31 ta' Jannar | Nisa/S.A.S. | Laqgħa mas-S.A.S.Delegati SAS & Kumitati |
| 25 ta' Jannar | Dirrettorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |

Frar

| | | |
|---|---|---|
| 1 ta' Frar | Xebbiet | Kunsill fis-6.00 p.m. |
| 7 ta' Frar | Kumm. Ħidma Morda | Forum fis-6.00pm. |
| | Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 .m. |
| 8 ta' Frar | Ċenaklu | Diriġenti kollha |
| 11 ta' Frar | Nisa | Eżerċizzi għar-Romol taċ-Ċirkoli kollha |
| 12 ta' Frar | Nisa | Eżerċizzi għar-Romol taċ-Ċirkoli kollha |
| | S.A.S. | Konferenza ta' l-Aħbarijiet dwar Ġimgħa ta' Sagrifiċċju. |
| 13 ta' Frar | Nisa | Eżerċizzi għar-Romol taċ-Ċirkoli kollha |
| | Kumm. Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-6.00 p.m. |
| | Għalliema | Kors ta' Spiritwalita' fil-5.30 p.m. |
| 14 ta' Frar | Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30a.m. |
| 17 ta' Frar | Rġiel | Rtir fil-Knisja tal-Vitorja l-Belt. |
| 18 ta' Frar | Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-5.30 pm |
| 20 ta' Frar | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30 |
| 21 ta' Frar | Skola ta' l-Appostolat | Kumitati taċ-Ċirkoli kollha fid-9.30 a.m |
| 22 ta' Frar | Direttorju | Fis-6.00 p.m. |
| 22-24 ta' Frar | ŻAK | Seminar |
| 27 ta' Frar | S.A.S. | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 p.m. |
| 28 ta' Frar | Nisa | Laqgħa Formattiva Kunsill & Kummissjoni Romol |

**Marzu**

| | | |
|---|---|---|
| 6 ta' Marzu | Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |
| | Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |
| 7 ta' Marzu | Nisa | World Day of Prayer Ċirkoli kollha |
| 7-9 ta' Marzu | ŻAK | Irtir għall-membri kollha |
| 12 ta' Marzu | Kumm. Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-6.00 p.m. |
| | Għalliema | Kors ta' Spiritwalita fil-5.30 p.m. |
| 13 ta' Marzu | Skola ta' l-Appostolat | Kumitati taċ-Ċirkoli kollha fid-9.30a.m. |
| 14 ta' Marzu | Dirrettorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |
| 16 ta' Marzu | Kumm. Ħidma Morda | Attivita' ta' Ħadd il-Palm |
| 17 ta' Marzu | Rġiel | Kunsill Ċentrali fil- 5.30 p.m. |
| 21-26 ta' Marzu | ŻAK | Euroforum ospitat min ŻAK f'Malta. Din hi l-ewwel darba li Euroforum se jinżamm f'Malta. |
| 26 ta' Marzu | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30 p.m. |
| | S.A.S. | Laqgħa tal-Kunsill fil-6.00 p.m. |
| 28 ta' Marzu | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |

**April**

| | | |
|---|---|---|
| 3 ta' April | Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| 9 ta' April | Kumm. Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-6.00pm |
| | Għalliema | Kors ta' Spiritwalità' fil-5.30pm |
| 10 ta' April | Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 p.m. |
| 11 ta' April | Direttorju | fis-6.00p.m. |
| 12 ta' April | Dar Familja Naxxar | Ikla |
| 16 ta'April | Għalliema | Kunsill fil-5.30 pm |
| 17 ta' April | Skola ta' l-Appostolat | Kumitati taċ-Ċirkoli kollha fid-9.30 a.m. |
| 21 ta' April | Irġiel | Kunsill Ċentrali fil-5.30 p.m. |
| 22 ta' April | Nisa | Laqgħa Distrettwali No. 3 għal dawn iċ-Ċirkoli:- Balluta, Floriana, Luqa, Marsa, Paola Lourdes, Qormi San Bastjan, Qormi San Ġorġ, San Ġiljan, Sliema Sacro Cuor, Siġġiewi, Żebbuġ. |
| 25 ta' April | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |
| 29 ta' April | Nisa | Festa ta' Sta Katerina ta' Siena - Ċirkoli kollha |
| 30 ta' April | S.A.S. | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 p.m. |

**<u>Mejju</u>**

| | | |
|---|---|---|
| 8 ta' Mejju | Xebbiet | Kunsill fis-6.00 p.m. |
| | Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |
| 9 ta' Mejju | Direttorju | Ċenaklu għad-Direttorju u kunsilli |
| 14 ta' Mejju | Nisa | W.U.C.W.O. Day - Ċirkoli kollha |
| | Kumm. Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-6.00 p.m. |
| | Għalliema | Kors ta' Spiritwalita fil-5.30pm |
| 18 ta' Mejju | Rġiel | Irtir fid-Dar ta' l-Anzjani Naxxar |
| 19 ta' Mejju | Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-5.30pm |
| 21 ta' Mejju | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30pm |
| 22 ta' Mejju | Nisa | Laqgħa Formattiva - Kunsill u Kummissjoni Romol |
| 23 ta' Mejju | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |
| 28 ta' Mejju | S.A.S. | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 p.m. |
| 29 ta' Mejju | Skola ta' l-Appostolat | Kumitati taċ-Ċirkoli fid-9.30 .m. |

**<u>Ġunju</u>**

| | | |
|---|---|---|
| 3 ta' Ġunju | Nisa | Ħarġa għal Għawdex għar-Romol taċ-Ċirkoli kollha |
| 5 ta' Ġunju | Xebbiet | Kunsill fis-6.00pm |
| 6 ta' Ġunju | S.A.S. | Attivita għat-Tfal |
| 7 ta' Ġunju | Dar Familja Naxxar | Pasta Buffet |
| | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa madwar ir-Redentur |
| 11 ta' Ġunju | Għalliema | Kors ta' Spiritwalita fil-5.30pm |
| | Kumm Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-6.00p.m. |
| 12 ta' Ġunju | Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |
| 13 ta' Ġunju | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |
| 16 ta' Ġunju | Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-5.30pm |
| 18 ta' Ġunju | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30pm |
| 19 ta' Ġunju | Laqgħa Ġenerali | Diriġenti u Presidenti taċ-Ċirkoli |
| 25 ta' Ġunju | S.A.S. | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 p.m. |
| 27 ta' Ġunju | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |

**<u>Lulju</u>**

| | | |
|---|---|---|
| 3 ta' Lulju | Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00p.m. |
| 7-29 ta' Lulju | ŻAK | Parteċipazzjoni fi WYD f'Sydney |
| 10 ta' Lulju | Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |
| 11 ta' Lulju | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |
| 17 ta' Lulju | Nisa | Quddiesa ta' Ringrazzjament kunsill & Kummissjoni Romol |
| 19 ta' Lulju | Dar Familja Mqaddsa | Garden Dinner fid-Dar ta' l-Anzjani, Naxxar |
| 21 ta' Lulju | Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-5.30 pm |
| 25 ta' Lulju | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |

**Ottubru**

| | | |
|---|---|---|
| 12 ta' Ottubru | Membri Kollha | Ftuħ Uffiċċjali tas-Sena Soċjali li tibda' b'Assemblea Ġenerali. |

# FESTA FAMILJA WARA L-ASSEMBLEA ĠENERALI 14 TA' OTTUBRU 2007

fis-Sala tal-Patrijiet Karmelitani, Fleur de-Lys, B'Kara,
viċin ta' fejn ser issir l-Assemblea Ġenerali.
(Bus No 71, stage wara l-Knisja tal-Karmnu).

MENU 1 - Maltese platter li jinkludi timpana,
Bigilla, meat balls biz-zalza, zalzett tal-Malti,
tiġieġ, salad, ħobż, frott, deżerta u drink -
PREZZ - Lm3.50c

MENU 2 - Hot Dog biċ-chips u drink
PREZZ - Lm1.50c

Bookings mis-segreterija ta' l-Azzjoni Kattolika

## *Librerija Azzjoni Kattolika - Floriana*

*Wieħed isib:*

*Kull tip ta' kotba reliġjuzi bil-Malti u bl-Ingliz – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.*

*Issibu ukoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'Go Mobile'.*
*Jistaw jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.*

*Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa - 9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar*
*4 sas 7.30 ta' filgħaxija*
*is-Sibt – filgħodu biss*





*Tel: 21 237031*

*Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.*